MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Talba Numru. 181/2009

**Melita Plc (C 12715)**

**Vs**

**Ramon Micallef (ID 340670 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf, mija u tmienja u ghoxrin ewro u sebgha u tlettin ewro centezmi (€1128.37) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizz ta' internet /jew telefonija fissa fil-fond Konica Minolta Imaging centre, Mriehel By pass, B'Kara mill- 1/4/03 sa 13/5/05 skond il-kont numru 147436 liema bilanc ghadu dovut;

Illi ghalkemm interpellat ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti;

Bl-imghaxijiet  dekorribbli mit-13 ta’ Mejju, 2005 sad-data ta` l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni nkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali 4495/2008 tat-28 ta’Ottubru, 2008.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-6 ta’ April, 2009 mill-Avukat Jeanette Ciantar u l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi  l-konvenut naqsas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Ra illi l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------